


# Il-Mużajk u Opri Oħra fil-Knisja Parrokkjali

*Anton Cassar*











Lura fl-1954, ftit jiem biss qabel il-Festa, Anton Cassar kiteb artiklu f'*Il-Berqa*, dak iż-żmien l-iktar gazzetta popolari bil-Malti, fejn tkellem dwar il-lunetti u opri ġodda. Hawnhekk qegħdin nirriproduċu dan l-artiklu bil-permess tal-awtur stess.

Il-ġrajja tal-Parroċċa tal-Marsa f'dawn l-aħħar erba' snin hija ġrajja meraviljuża, ġrajja ta' ispirazzjoni, xogħol, rieda tajba u koperazzjoni. Kwalitajiet sbieħ li ġew imnebbħa minn Patri Feliċjan, il-kappillan li kien forza ewlenija, qanqlu entużjażmu sabiħ ta' ġenerożità u xogħol u, bl-għajnuna ta' Patri Salv, il-prokuratur tal-knisja, huwa rnexxielu jiġbor u jaħmel opri li jżejnu l-knisja tagħna.

Mill-gwerra 'l hawn fil-Marsa sar ħafna progress. L-ambjent tal-post inbidel, twaqqfu soċjetajiet ġodda, fosthom il-Banda *Holy Trinity*, filwaqt li soċjetajiet antiki, kemm sekulari kif ukoll reliġjużi, ġew organizzati aħjar. Dan kollu sar bir-rieda sħiħa tal-poplu li ried javvanza u ma jkunx inqas minn komunitajiet fi bliet u rħula oħra.

Iżda l-iktar biċċa xogħol sabiħa li saret fil-Marsa tul dawn l-aħħar snin kienet bla ebda dubju l-opri li bihom ġie mżejjen it-tempju tagħna. Għidt li din kienet biċċa xogħol ta' ispirazzjoni għax fakkritni fl-istorja ta' kif inbnew u kif ġew mogħnija b'opri monumentali u ta' valur artistiku kważi l-knejjes kollha ta' Malta u Għawdex bil-kontribuzzjonijiet ġenerużi u nobbli ta' poplu fil-biċċa l-kbira tiegħu fqir u ħaddiem. U kif tabilħaqq għadhom qegħdin jinbnew u jiġu msebbħa l-knejjes tagħna sal-lum.

Anki l-poplu Marsi fil-biċċa l-kbira tiegħu huwa poplu ħaddiem u għalhekk l-opri li saru jiksbu ċertu valur nobbli. Għaliex dawn l-opri fil-biċċa l-kbira tagħhom saru bil-kontribuzzjoni ġenerużа tal-poplu kollu tal-Marsa; familji, għaqdiet reliġjużi, fratellanzi, ġemgħat ta' ħaddiema, individwi li, fuq l-eżempju sabiħ tat-twajba missirijietna, riedu jaraw it-tempju ta'Alla mogħni kif jixraq. Il-fatti u ċ-ċifri li jidhru hawn taħt jappruvaw b'mod l-iktar elokwenti dan il-mertu sabiħ tal-poplu tal-Marsa.

F'dawn l-aħħar snin sar ħafna xogħol fil-Knisja tas-Ssma. Trinità, iżda l-iktar xogħlijiet importanti li saru huma d-damask, il-możajk, iż-żebgħa tal-knisja kollha, l-iskultura u l-induratura. Id-damask li ġie jiswa mas-£7,000 (sebat elef lira sterlina, somma għolja ħafna għal dak iż-żmien, daqs paga medja ta' dak iż-żmien għal 20 sena sħaħ!), sar mill-poplu kollu billi kull familja tat kontribuzzjoni. Ix-xogħol tat-tfassil u l-ħjata sar mix-xebbiet u min-nisa tal-Marsa, bosta drabi b'sagrifiċċji kbar personali.

Il-możajk tal-lunetti ta' fuq il-kolonni li jirrappreżentaw tmien qaddisin magħrufa tal-knisja u erba' nofs lunetti li ġew maħduma minn La Scuola di Mosaico tal-Vatikan saru mis-sinjuri ta' hawn taħt waqt li l-induratura tagħhom saret mill-poplu. Il-możajk qam £800. Il-Fidi (nofs lunetta) mis-Sur F. Cardona, L-Isperanza (nofs lunetta) mis-Sur Salvu Calleja, San Publiju mis-Sur Karm Portelli, San Pawl mis-Sur Karm Gatt, San Bonaventura mis-Sur Joseph Portelli, il-Beatu Diego mis-Sur Jack Chircop, Santu Wistin min-Nisa tal-Azzjoni Kattolika (Marsa), San Atanasju mis-Sur N. Fenech-Clarke, San Ilarju mis-Sur Manwel Debono, San Patrizju mis-Sur Bernard Zammit, ir-Reliġjon mis-Sinjura Antoinette Carabott, u l-karità mis-Sinjura Ġużeppa Ellul. Karm Portelli u Bernardette Zammit mietu qabel ma laħqu raw l-opra tagħhom mitmuma.

*(It-tieni nofs ta' dan l-artiklu li jiżvolġi dwar l-altari u l-induraturi fis-saqaf jiġi ppubblikat fil-ħarġa tas-sena d-dieħla.)*